TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/128/19/S

Oriana Farrugia
vs
Marlon Polidano

Illum, 13 ta'Mejju, 2021.

It-Tribunal,
Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Settembru, 2019;
Ra r-Risposta tal-intimat ippreżentata fit-18 ta' Frar, 2020;
Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u sema' x-xhieda;

It-talba tar-rikorrent u l-eċċezzjonijiet tal-intimat

Permezz tal-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbet li l-intimat ikun ikkundannat tħallasha l-ammont ta' €580.00 wara nuqqasijiet fis-servizz ta' tehid ta'ritratti ghal okkazjoni specjali.
L-intimat ma qabilx ma' dak sottomess mir-rikorrenti u skont hu, r-rikorrenti hallset ghal *Package* 2 (1 *studio* u 1 *location*) pero hu ghamel 2 *studio photo shoots* u 2 *location shoots*.

Il-provi prodotti

- -Ir-rikorrenti ilmentat li l-intimat kien tilef xi ritratti mehuda man-nanna tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ilmentat ukoll li l-intimat ma kienx izomm mal-weghdiet tieghu li jibghat ir-ritratti f'tali data u kien idum biex iwiegeb lir-rikorrenti;

- -L-intimat stqarr li l-SD *card* kien giet *corrupted;*

- -Ghalkemm kien hemm qbil biex isir *re-enactment* u jergghu jittiehdi certi ritratti, ma kienx hemm qbil min se jhallas ghall-kiri tat-toga u tal-parrokka, ghad-dwiefer u ghal *make-up;*

-Skont ir-rikorrenti, kellha tqabbad fotografu iehor biex jiehu r-ritratti wara dewmien daparti tal-intimat;

-Skont l-intimat, hu ta iktar minn dak li r-rikorrenti halset ghalih;

Konsiderazzjonijiet fattwali u legali

Il-każ jikkonċerna servizz ta'fotografija li ma inghatax ghas-sodisfazzjon tar-rikorrenti. Jinghad mal-ewwel li r-ritratti huma memorja importanti hafna u certi okkazjonijiet ma jistawx jirrepetu rwiehhom.

Fl-ewwel lok dan it-Tribunal irid jara jekk it-talba mitluba (jew kwalsiasi kumpens) huwiex gustifikat.

Jidher illi l-intimat ma kienx ippreparat sew biex is-servizz minnu mitlub jinghata bl-ahjar mod u bic-certezza li r-ritratti mehuda, ittiehdu sew. Vera li SD *card* tista' tigi *corrupted* pero r-ritratti setghu gew trasferiti mal-ewwel f'post iehor bhala *back-up*.

Illi mill-provi jirrizulta li l-intimat tawwal izzejjed il-process biex jibghat ir-ritratti u biex jergghu jittiehdu r-ritratti tant li r-rikorrenti kellha tqabbad fotografu iehor.

Illi fix-xhieda tieghu l-intimat ammetta li kien tilef numru ta'ritratti mehuda[1].

Jinghad ukoll li r-rikorrenti kienet qaxret xagharha wara li diga kienet fegghet il-problema u skont l-intimat, din il-kumplikazzjoni setghet giet evitata.

Illi r-rikorrenti ma spjegatx kif waslet ghat-talba ta' €500 li ddeskriviethom biss bhala "*expenses ohrajn plus moral damages*". F'dan ir-rigward ir-rikorrenti naqset li tipprova kif waslet ghal tali ammont.

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li s-servizz moghti seta' kien ahjar kif gja spjegat u ghalhekk kwalunkwe kumpens

[1] Seduta mizmuma fis-16 ta'Lulju,2020.

moghti ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara u dan kif kostantement stabbilit mill-Qrati taghna[2].

Ghalhekk dan it-Tribunal jikkontendi li l-ammont ta'kumpens mitlub mir-rikorrenti hu wiehed eccessiv fic-cirkostanzi u skont il-provi prodotti.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, dan it-Tribunal qed jistabilixxi *ex aequo et boni* is-somma ta' €60 bhala kumpens.

Deċide

Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' x-xhieda kollha, wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-intimat b'dan li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €60.

It-Tribunal jordna li kull parti ghandha tħallas l-ispejjez rispettivi ta'dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
ARBITRU

[2] Ara kawza fl-ismijiet "Guillaimier Industries Limited et vs Taormina Holdings Ltd" deciza fis-26 ta'Mejju,2017 mill-Qorti tal-Appell(1017/98)